**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 6 ta' Ottubru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 102/2020 AL

**A B (KI 186791M) u b'Digriet tat-22 ta' Lulju 2020 A B ġiet nominata bħala Kuratriċi *ad litem* għall-minuri C D E B**

**vs**

**F G (KI 167791M),**

**H B (KI 517289M), u**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi,[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-esponenti tinsab f'relazzjoni stabbli mal-intimat F G, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri C D E nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019).*

2. *Illi l-esponenti preżentement tinsab għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni personali minn ma' żewġha l-intimat H B.*

3. *Illi peress illi l-esponenti għadha legalment mizżewġ lill-intimat H B, il-minuri gie awtomatikament reġistrat fuq l-intimat H B u dan hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid anness u market bħala Dok 'A'.*

4. *Illi ma hemm l-ebda dubju u, ma tezisti assultament l-ebda kontestazzjoni mill-intimat F G, illi missier it-tarbija huwa proprju l-imsemmi F G.*

5. *Illi minkejja diversi tentattivi, inkluż interprellazzjoni b'korrispondenza legali, kif ukoll b'ittra uffiċċjali, da parti tar-rikorrenti u l-intimat F G, sabiex il-minuri jiġi reġistrat bħala iben l-imsemmi F G mingħajr il-ħtieġa tal-intavolar tal-kawża odjerna, l-intimat għażel li ma jikkoperax.*

6. *Illi l-esponenti għandha interess illi jiġi korrett iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri C D E u tixtieq illi żewġha H B ma jibqax dikjarat bħala l-missier fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri u minflok jiġi dikjarat F G bħala l-missier tal-minuri C D E.*

7. *Illi l-esponenti kisbet l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onor. Qorti qabel ma pproċediet b'din il-kawża, u dan in vista tar-rikors tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2020 u tad-digriet ta' din l-Onor. Qorti tad-19 ta' Ġunju 2020 (vide Dok B u Dok B1 hawn annessi).*

8. *Illi ghalhekk kellha issir din il-kawża, bl-ispejjeż kontra l-intimat H B.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u previa kull provvediment ieħor li din l-Onor. Qorti huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna illi jsiru t-testijiet tad-DNA tagħha, ta' żewġha H B, tal-missier F G u tal-minuri C D E sabiex jiġi kkonfermat illi F G huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri;*

2. *Tiddikjara illi għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi, il-missier naturali tal-minuri C D E huwa F G;*

3. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-twelid tal-minuri C D E li jġib in-Numru 3124 tas-sena 2019, sabiex il-paternita' tal-istess minuri tiġi korrettament rispekkjata fl-istess Att tat-Twelid, billi fil-kolonna fejn hemm miktubin id-dettalji tal-missier, ossia tal-intimat H B, l-istess dettalji jiġu sostitwiti bid-dettalji tal-missier naturali tal-minuri u cioe' F G;*

4. *Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-twelid tal-minuri C D E li jgib in-Numru 3124 tas-sena 2019 mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fis-sens illi kunjom il-minuri jiġi G.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat H B li huwa minn issa ngunt gas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi in linea preliminari, l-esponent jirrileva li kawża li tiġi esperita ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ. Għaldaqstant, huwa indispensabbli għall-integrita' tal-ġudizzju li jiġi msejjaħ fil-kawża l-minorenni C D E B, li għandu jkun debitament rappreżentat ad litem minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti sabiex jiġu rappreżentati l-interessi tiegħu skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 781, 782 u 783 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi wkoll in vena preliminari, jidher li sar żball fit-talba numru 3 tar-rikors ġuramentat stante li f'din it-talba l-kunjom tal-intimat F G ġie indikat bħala*

[2] Fol. 17.

*"B" u mhux "G". Għaldaqstant, ir-rikorrenti għandha tressaq it-talba tagħha sabiex issir id-debita korrezzjoni fit-tielet talba tar-rikors ġuramentat, u dan ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi fil-mertu, l-esponent jiddikjara li mhuwiex edott mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

4. *Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jeċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, hija kellha relazzjoni extra-maritali ma' F G u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetici u xjentifiċi li jindikaw lill-intimat F G bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lill-intimat F G, sabiex jippreżenta nota li tispeċifika d-dettalji personali tiegħu, senjatament: (1) in-numru tal-karta tal-identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tiegħu meta twieled il-minuri, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom missieru u (7) jekk missieru kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

6. *Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri;*

7. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jigi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin minn issa jiġi inġunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-konvenut H B ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar is-26 ta' Awwissu 2020,[3] u li ma ppreżenta l-ebda risposta entro t-terminu ta' għoxrin (20) jum ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant fil-proċeduri istanti, il-konvenut H B jinsab fi stat ta' kontumaċja;

Rat illi l-konvenut F G ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat *seduta stante* nhar id-29 ta' Settembru 2020,[4] fejn ġie ddikjarat ukoll li ma kienx bil-ħsieb li jippreżenta risposta ġuramentata stante li jaqbel mat-talbiet tal-attriċi;

Rat in-nota ta' F G tas-7 ta' Jannar 2021,[5] fejn iddikjara li qed jaqbel mat-talbiet attriċi;

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri C D E B, bin-numru progressiv 3124 tas-sena 2020;[6]

Rat id-digriet datat 19 ta' Ġunju 2020,[7] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors tagħha tat-18 ta' Ġunju 2020 fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti abbażi tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili sabiex tibda l-kawża ta' *denegata' paternita' ai termini* tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili;[8]

Rat id-digriet datat 20 ta' Lulju 2020,[9] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors tagħha tat-18 ta' Lulju 2020, fejn talbet lil Qorti sabiex tinnominaha u taħtarha bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha minuri fil-proċeduri istanti;[10]

Rat l-affidavit tal-attriċi;[11]

---

[3] Fol. 14.
[4] Fol. 23.
[5] Fol. 28.
[6] Fol. 5.
[7] Fol. 6.
[8] Fol. 7.
[9] Fol. 12.
[10] Fol. 10.
[11] Fol. 30.

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar li ġie maħluf u pprezentat nhar is-17 ta' Settembru 2020,[12] u li miegħu hemm anness rapport xjentifiku tad-DNA minnha stess redatt fir-rigward tal-paternita' tal-minuri C D E B;[13]

Rat in-nota ta' F G datata 9 ta' Marzu 2022,[14] fejn ipprovda d-dettalji tiegħu stess;

Rat in-nota konġunta tal-attriċi u F G datata 9 ta' Marzu 2022,[15] fejn iddikjaraw li kunjom il-minuri għandu jkun G;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[16]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. <u>L-Azzjoni Odjerna:</u>

Fir-rikors ġuramentat, l-attriċi tikkontendi li hi miżżewġa lil H B u l-minuri ġie imnissel u mwieled matul l-istess żwieġ. Madanakollu, l-attriċi tiddikjara li ilha separata *de facto* minn ma' żewġha sa minn April 2018 fejn nelfrattemp iltaqgħat ma' F G u miegħu bdiet relazzjoni, u l-imsemmi F G huwa proprju l-missier naturali u bijologiku tal-minuri. In vista tal-fatt li l-attriċi hija miżżewġa lil H B u minkejja li l-minuri huwa l-wild naturali ta' F G, mat-twelid, il-minuri ġie mniżżel bħala iben H B. Għaldaqstant, permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi f'isimha personali kif ukoll in rappreżentanza ta' binha minuri qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-minuri C D E B ma huwiex il-wild natuali u bijoloġiku ta' H B iżda li hu iben F G, u konsegwentament tgħaddi sabiex tawtorizza l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid tal-minuri sabiex l-istat veru tal-minuri jiġi rifless.

[12] Fol. 42.
[13] Fol. 43.
[14] Fol. 46.
[15] Fol. 45.
[16] Fol. 44.

Għal tali talba u minkejja li huwa debitament notifikat, il-konvenut H B naqas milli jippreżenta l-ebda risposta entro t-terminu ta' għoxrin (20) jum, u b'hekk jinsab fi stat ta' kontumaċja. Min-naħa l-oħra, il-konvenut F G ppreżenta nota fejn iddikjara li qed jaqbel mat-talbiet kif dedotti mill-attriċi. Magħdud ma' dan, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ukoll wieġeb għar-rikors ġuramentat tal-attriċi, fejn issolleva numru ta' eċċezzjonijiet sabiex b'hekk il-proċedura legali tkun segwita *in toto,* filwaqt li ddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif dikjarati mill-atturi omm u bint.

2. <u>Il-Prinċipji Legali:</u>

In tema legali jingħad illi ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili *"L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin il-konjuġi"* u huwa proprju minħaba tali preżunzjoni legali li l-minuri ġie mniżżel bħala l-wild ta' H B, ċjoe' żewġ l-attriċi A B. F'dan l-istadju, l-attriċi flimkien mal-minuri, qegħdin jitolbu illi l-Qorti tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa F G, minnflok H B. In vista tal-fatt illi, l-azzjoni odjerna ġiet intavolata mill-omm u kif ukoll li l-minuri ġie imnissel u mwieled fi żmien meta l-istess omm kienet miżżewġa lil H B, tali azzjoni tikkwalifika bħala waħda bbażata fuq l-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:

*"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild".*

F'tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A sbinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat*

*ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

3. <u>L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:</u>

It-talba tal-attriċi hekk imsejsa fuq Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni fejn qiegħda tintalab minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali rigward il-paternita' tal-minuri C D E B, fis-sens illi m'huwiex il-wild naturali ta' żewġ l-omm ossia H B iżda huwa l-wild naturali ta' F G.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex *in primis* tissottolineja illi għalkemm l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet irtirata, il-Qorti tara illi ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni odjerna kellha ssir mill-omm kontra żewġha, l-allegat missier u l-minuri. F'dan il-każ, il-minuri jinsab bħala attur flimkien ma' ommu, legalment rappreżentat minn ommu stess. Minkejja l-fatt illi l-azzjoni odjerna ma ġietx istitwita skont id-diċitura tal-liġi stess, il-Qorti xorta waħda sejra tgħaddi sabiex tissorpassa tali nuqqas u dan f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju.

Konsegwentement u fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dan għall-korrezzjoni fit-talba numru tlieta (3) kif dedotta fir-rikors promotur, mill-atti jidher illi tali eċċezzjoni ġiet sorvolata hekk kif tali korrezzjoni ġiet mitluba u milqugħa fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2021.[17]

Fir-rigward tal-mertu tal-każ odjern, il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar ta' nhar it-23 ta' Novembru 2021, fejn ġie ikkonfermat illi Dr Cassar stess ġabret il-kampjuni orali tal-omm A B, l-allegat missier F G u l-minuri C D E B. Permezz ta' rapport xjentifiku, ġie konkluż illi t-test tad-DNA irriżulta illi F G, detentur tal-Karta tal-Identita' 167791M huwa l-missier naturali tal-minuri C D E B. Għaldaqstant dan jikkonferma illi r-raba' (4) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata u dan stante li kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra.

[17] Fol. 25.

Fl-aħħar lok u referibbilment għad-dettalji tal-konvenut F G u kif ukoll il-kunjom tal-minuri, u dan b'referenza għall-ħames (5) u s-sitt (6) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, din il-Qorti tirrileva illi dawn ġew sorvolati ukoll. Illi mill-atti tal-kawża odjerna jidher li d-dettalji tal-konvenut F G ġew iddikjarati permezz ta' nota, li huma: (i) In-Numru tal-Karta tal-Identita' – 167791M, (ii) Isem u Kunjom – F G, (iii) L-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri – 28 SENA, (iv) Il-post tat-twelid tiegħu – PIETA', (v) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieldet il-minuri – ŻURRIEQ, (vi) Isem u kunjom Missieru – I G, (vii) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri – IVA. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-kunjom jidher li x-xewqa tal-omm u kif ukoll tal-missier naturali hija li l-minuri tassumi l-kunjom *'G'*.[18] Il-Qorti tirrileva li għalkemm ma huwiex magħruf jekk l-attriċi A B u żewġha H B għadhomx miżżewġin *o meno,* l-attriċi tidher li għadha tuża l-kunjom *'B'*. Madanakollu l-Qorti tara li ma hemm xejn xi jxekkel milli tali talba tiġi milqugħa, anzi tinsab tal-fehma illi jkun fl-aħjar interessi tal-minuri li jassumi l-kunjom *'G'*.

Rigward il-kap tal-ispejjeż, l-attriċi qed issostni illi m'għandiex tbati spejjeż ta' din il-kawża peress li l-kawża setgħat tiġi evitata kieku l-konvenut H B kkopera u mar għall-appuntament li hija kienet ħadet ħsieb tagħmel quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili. In sostenn ta' dan, il-Qorti tara li l-attriċi ppreżentat fl-atti: (i) ittra legali datata 6 ta' Frar 2020 mibgħuta lil H B fejn ġie infurmat illi sabiex jattendi quddiem l-Imhallef Joseph Galea Debono li jippresjedi l-Qorti ta' Reviżjoni ta' Atti Notarili nhar it-18 ta' Frar 2020 sabiex il-minuri jiġi dikjarat bħala iben F G – liema ittra reġistrata ġiet notifikata lil H B nhar is-7 ta' Frar 2020,[19] u (ii) ittra uffiċjali datata 6 ta' Marzu 2020 indirizzata lil H B u notifikata lilu nhar l-14 ta' Marzu 2020,[20] fejn ġie interpellat sabiex jidher quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili sabiex il-minuri jiġi dikjarat bħala iben F G.

Jidher li l-attriċi qed tirreferi għall-proċedura stabbilita in forza tal-Artikolu 280 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta intitolat *"Tarbija mwielda minn persuna mizzewga"* li jipprovdi kif ġej:

*1. Jekk it-tarbija titwieled minn persuna miżżewġa, isem il-konjuġi l-ieħor għandu jitniżżel fl-att bħala dak tal-ġenitur, għad illi jkun hemm dikjarazzjoni*

[18] Ara n-nota konġunta datata 9 ta' Marzu 2022, a fol. 45.
[19] Fol. 31, 32
[20] Fol. 34.

*kuntrarja, bla ħsara ta' kull korrezzjoni li tista' ssir 'il quddiem wara sentenza fuq il-filjazzjoni tat-tarbija.*

*2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux –*

*(a) Jekk il-konjuġi l-ieħor, fiż-żmien kollu tat-tliet mitt ġurnata ta' qabel il-ġurnata tat-twelid tat-tarbija, kien nieqes minn Malta, u din l-assenza hija mwettqa bil-miktub u bil-ġurament quddiem l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, minn, għall-anqas, żewġ persuni ta' fiduċja;*

*(b) jekk il-konjuġi l-ieħor, għaż-żmien kollu hawn fuq imsemmi, ikun għex mifrud legalment mill-konjuġi li wiled lit-tarbija; jew*

*(ċ) Jekk qabel jingħata l-avviż tat-twelid ir-raġel u l-mara flimkien jiddikjaraw bil-miktub u b'ġurament quddiem l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili li matul il-perjodu sħiħ tat-tlett mitt jum minnufih qabel il-jum tat-twelid huma ma kellhomx relazzjonijiet sesswali flimkien".*

Skont l-artikolu appena ċitat jidher li kien possibbli li din il-kawża tiġi evitata kieku l-konvenut H B attenda għall-appuntament quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili. Ma huwiex kontestat illi l-konvenut ma kienx jaf b'tali appuntament għaliex l-attriċi resqet prova suffiċjenti illi huwa ġie debitament notifikat kemm b'ittra legali kif ukoll dik uffiċċjali. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti ma kien hemm l-ebda raġuni valida għal H B sabiex ma jattendix għas-seduta quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Notarili, anzi pjuttost kien fid-dover li jattendi, *in primis* b'rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti, u fit-tieni lok jekk huwa kien konsapevoli li l-minuri ma kienx ibnu, huwa kellu kull interess li ismu jiġi kkanċċellat minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri in kwistjoni. L-istess ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Chircop pro et noe vs Paul Zahra et,**[21] fejn il-Qorti pproċediet sabiex allokat l-ispejjeż tal-kawża lir-raġel tal-omm abbażi tal-fatt li huwa naqas milli jikkopera sabiex ismu jiġi kkanċellat mill-att tat-twelid ta' binha sabiex jiġi sostitwit b'isem il-missier naturali.

[21] Deċiża nhar id-29 ta' Ottubru 2015 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), (Rik. Ġur. Nru. 77/2014 RGM), mhux appellata.

Għaldaqstant il-Qorti tara illi anke fil-każ odjern, huwa evidenti li kieku H B kkopera mal-attrici din il-kawża kienet tiġi evitata kif kienu jiġu evitati wkoll l-ispejjeż relattivi. B'hekk il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-ispejjeż ġudizzjarji ta' din il-kawża għandhom jiġu akkollati lill-konvenut H B.

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante li tali ġiet eżawrita fil-mori tal-kawża;

2. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara illi il-missier naturali tal-minuri C D E B huwa F G;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' C D E B, liema Att tat-Twelid għandu n-numru progressiv 3124 tas-sena 2020, b'dana illi l-kunjom tal-minuri, mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jkun dak ta' *'G'*.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża inkluż l-ispejjeż peritali tad-DNA test, għandhom ikunu sapportati mill-konvenut H B.